MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 294/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Giorgio Marino**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Giorgio Marino ta' 50 sena iben Carlo Guido u Antonia Marino, imwieled Trapani, Italja nhar il-25 ta' Lulju 1961 u residenti gewwa St. Joseph Triq ix-Xghajra Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8520A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, b'rizoluzzjoni wahda billi:

F'xi hin fil-lejl bejn il-5 ta' Marzu 2012 u s-6 ta' Marzu 2012 u nhar it-8 ta' Marzu 2012 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija gewwa Triq Sir Temi Zammit Hal Tarxien u f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FCA524 tal-ghamla Renault Clio ghad-dannu ta' Renald Sammut mill-Mosta liema valur tal-hsara ma jecedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Nhar it-12 ta' Marzu 2012 ghal habta tal-hdax ta' filghaxija u xi hin qabel, gewwa Triq Sammat Hal Tarxien u f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG357 tal-ghamla Maruti 800 ghad-dannu ta' Charmaine Lia minn Hal Tarxien liema valur tal-hsara ma jecedix il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Nhar is-6 ta' Marzu 2012 u granet precedenti f'dawn il-gzejjer, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Charmaine Lia minn Hal Tarxien biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-magistrat Dr. E. Grima LL.D nhar 24 ta' Lulju 2011.

Kiser ordni ta' protezzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata nhar l-24 ta' Lulju 2011 mill-

Magistrat Dr. E.Grima LL.D u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv invista ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 24 ta' Lulju 2011 mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-artikoli 412C.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Marzu, 2012 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Marzu 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa wera d-disponibilita' tieghu li jhallas lura lill-vitttmi l-ammont kollu ta' hsarat involut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 28A sa 28H, 251B, 325(1)(b), (c), 412C tal-Kodici Krimiali kif ukoll l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' snin (4) snin millum u tordna inoltre li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfronti tal-imputat fl-24 ta' Lulju 2011 jigi estiz ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Renald Sammut u Charmaine Lia s-somma ta' elf, mija u sittin Ewro u tnax il-Ewro centezmu (€1160.12).

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------